

IN-NOVENA LILL-IMMAKULATA

Talb u tifhir bi tħejjija għas-solennità tat-Tnissil Bla Tebgħa ta' Marija, fit-8 ta' Diċembru

L-EWWEL JUM – 29 TA' NOVEMBRU
L-Immakulata, Bint magħżula tal-Poplu t'Iżrael

NOTA: Il-poplu jwieġeb flimkien fejn hemm l-iswed skur.

Kollok kemm int sabiħa o Marija u tebgħa fik ma hemmx!
Int il-glorja ta' Ġerusalemm, int il-ferħ ta' Iżrael, int il-ġieħ tal-poplu tagħna!

Mill-ktieb tal-Ġenesi (3, 9-15)
Il-Mulej Alla qal lill-mara: "X'inhu dan li għamilt?" U l-mara wieġbet: "Is-serp qarraq bija, u jien kilt." U l-Mulej Alla qal lis-serp: "Talli għamilt dan, misħut int fost il-bhejjem kollha u fost l-annimali selvaġġi. Għal żaqqek titkaxkar, u t-trab tal-art tiekol il-jiem kollha ta' ħajtek. U jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek u int tisħaqlu għarqubu."

Il-Kelma tal-Mulej.
Inroddu ħajr lil Alla.

Mill-innu antik "Akathistos" f'ġieħ Omm Alla:
Lilek, Mexxejja li twassal għar-rebħa
kantiku tar-rebħa jistħoqq.
Jien, il-Belt tiegħek mit-tiġrib meħlusa,
l-Innu noffri ta' ringrazzjament, lilek, Omm Alla.

Bis-setgħa li għandek,
li tfeġġ dejjem rebbieħa,
minn kull jasar eħlisni,
sabiex ngħannilek:

Ifraħ, għax bik jerġa' jfeġġ il-ferħ.
Ifraħ, għax bik tispiċċa t-tbatija.
Ifraħ, int li salvajt 'l Adam li ġġarraf.
Ifraħ, int li l-biki t'Eva fdejt.

Ifraħ, għax fik twaqqaf it-tron tas-Sultan.
Ifraħ, int li ġġorr fik lil Dak li kollox jerfa'.
Ifraħ, o Stilla li tħabbar is-sebħ.
Ifraħ, int li fik il-Ħallieq sar tarbija.
Ifraħ, Verġni u Għarusa.

Mill-kitbiet ta' San Massimiljanu Marija Kolbe.
Jekk ma nafdawx fina nfusna imma noffru lill-Immakulata dak kollu li aħna, l-intenzjonijiet kollha tagħna u d-diffikultajiet li magħhom niltaqgħu, żgur li ser noħorġu dejjem rebbeħin. L-Immakulata ma tistax tabbanduna lil uliedha. Nirrikmandaw lilha dawk il-persuni kollha għeżież għalina u Hi, l-itjeb fost l-ommijiet, ser tgħinhom mill-aħjar li tista'.

Omm ħelwa ta' Kristu l-Feddej, int bieb illi jagħti għas-sema. Int kewkba tal-baħar, Marija. Ħarisna mill-waqgħa, kun magħna, għajnuna tal-poplu l-maħtur, li b'għaġeb nissilt lil min ħalqek fis-siegħa li lqajt it-tislima li tak Gabrijel, u bqajt xebba kif qabel hekk wara t-tnissil. Ħenn, Omm, għal uliedek midinba.

Nitolbu.
O Alla ta' għerf bla tarf, int għażilt b'omm Ibnek lill-Immakulata Verġni Marija, agħmel li nilqgħu b'fidi mħeġġa l-Kelma tiegħek waqt li nitgħallmu npoġġu t-tama kollha tagħna fik biss. Bi Kristu Sidna. **Ammen.**

IT-TIENI JUM – 30 TA' NOVEMBRU
L-Immakulata fit-Tħabbira tal-Mulej

Kollok kemm int sabiħa o Marija u tebgħa fik ma hemmx! **Int il-glorja ta' Ġerusalemm, int il-ferħ ta' Iżrael, int il-ġieħ tal-poplu tagħna!**

Mill-Vanġelu skont San Luqa (1, 26-38)
Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġa għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir." Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek!" U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej.
Tifħir lilek, Kristu.

Mill-innu antik "Akathistos" f'ġieħ Omm Alla:
Il-Verġni xtaqet tifhem il-Misteru u lill-Ħabbar divin staqsietu: "Kif qatt jista' l-ġuf tiegħi ta' verġni jwelled tifel?" U l-anġlu, hu u jfaħħarha, weġibha:

Ifraħ, int tmexxina biex nagħrfu l-pjan tal-Mulej.
Ifraħ, int il-prova ta' Misteru hekk kbir.
Ifraħ, inti l-ewwel miraklu ta' Kristu.
Ifraħ, inti ġabra tal-veritajiet tiegħu.

Ifraħ, sellum smewwi li minnu niżel l-Etern.

Ifraħ, pont li minn fuqu l-erwieħ jgħaddu għall-ġenna.
Ifraħ, miraklu mfaħħar mill-kori tal-anġli.
Ifraħ, flaġell li jsawwat ix-xjaten.

Ifraħ, int li tiżboq ix-xjenza tal-għorrief.
Ifraħ, int li tiddi fil-qlub tal-fidili.
Ifraħ, Verġni u Għarusa.

Mill-kitbiet ta' San Massimiljanu Marija Kolbe.
Immaġinaw kemm inkunu ferħanin kieku fuq is-sodda tal-mewt inkunu nisgħu naffermaw bis-sinċerità kollha: "O Immakulata, għall-ħniena tiegħek, jien ikkonsagrajt ħajti lilek. Għalik ħdimt, għalik sofrejt u issa mmut għalik. Jiena tiegħek!" Jalla tħobbu daqstant lill-Immakulata li ma tkunux iktar kapaċi tgħixu mingħajrha.

Is-sliem, o Sultana tas-sema, Sidt l-anġli;
int l-għerq u l-bieb safi mnejn ġie dawl id-dinja.
O Verġni glorjuża ta' ġmiel u sbuħija,
is-sliem għalik! Itlob lil Kristu għalina.

Nitolbu.
O Alla, li bit-tħabbira tal-anġlu għarraftna li Kristu Ibnek sar bniedem fil-ġuf tal-Verġni Mqaddsa Marija, agħmel li aħna, li nistqarruha b'Omm Alla, inkunu megħjunin bit-talb tagħha quddiemek. Bi Kristu Sidna. **Ammen.**

IT-TIELET JUM – 1 TA' DIĊEMBRU
L-Immakulata, Arka tal-ferħ

Kollok kemm int sabiħa o Marija u tebgħa fik ma hemmx!
Int il-glorja ta' Ġerusalemm, int il-ferħ ta' Iżrael, int il-ġieħ tal-poplu tagħna!

Mill-Vanġelu skont San Luqa (1, 41-45)
Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu; u nfexxet f'għajta kbira u qalet: "Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi? Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ. Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej!"

Il-Kelma tal-Mulej.
Tifħir lilek, Kristu.

Mill-innu antik "Akathistos" f'ġieħ Omm Alla:
Telqet b'għaġla biex iżżur lil qaribtha Eliżabetta.
Magħha kellha lis-Sinjur.
It-tarbija fi ħdan l-omm
Semgħet jidwi kliem il-Verġni,
Bil-ferħ tqanqlet u 'l Marija
Mhux bil-fomm, marret tgħannilha:

Ifraħ, int rimja ta' siġra qaddisa.
Ifraħ, mimlija bi frott bnin.
Ifraħ, int li rabbejt lill-Bidwi Divin.
Ifraħ, int li għajjixt lill-Awtur tal-ħajja.

Ifraħ, għalqa għammiela ta' grazzji kotrana.
Ifraħ, int mejda bl-isbaħ għotjiet.
Ifraħ, int ħejjejt għalina mergħat ta' benna.
Ifraħ, Verġni u Għarusa.

Mill-kitbiet ta' San Massimiljanu Marija Kolbe.
Xi ħadd kiteb li jixtieq ikollu mqar ftit imħabba. Għeżież uliedi, meta niġu għall-Immakulata, ejjew ma naħsbux f'porzjonijiet żgħar ta' mħabba, iżda pjuttost nikkompetu lkoll flimkien, sabiex kull żieda fl-imħabba lejha f'wieħed jew waħda minna tqanqal żieda saħansitra akbar fl-oħrajn. Qlubna huma tant żgħar, tant dgħajfa. Qatt mhu se jirnexxilna noffrulha l-imħabba li jistħoqqilha, dik l-imħabba li biha Hi tħobb lilna.

Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu, Omm qaddisa ta' Alla: la twarrabx minn quddiemek it-talb li nagħmlulek fi ħtiġijietna, u eħlisna dejjem minn kull tiġrib, o Verġni glorjuża u mbierka.

Nitolbu.
Mexxi u ħares il-Knisja tiegħek, O Missier; agħmel li, imsaħħa bis-sagramenti tiegħek, bid-dawl u l-qawwa tal-Ispirtu tiegħek u bl-interċessjoni tal-Verġni Omm, tħaffef biex twassal lid-dinja l-aħbar hienja tal-Evanġelju, sabiex l-umanità kollha tilqa' d-don tal-fidwa u tagħraf fi Kristu s-Salvatur tal-ġnus kollha. Hu, li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. **Ammen.**

IR-RABA' JUM – 2 TA' DIĊEMBRU
L-Immakulata, Omm Alla

Kollok kemm int sabiħa o Marija u tebgħa fik ma hemmx!
Int il-glorja ta' Ġerusalemm, int il-ferħ ta' Iżrael, int il-ġieħ tal-poplu tagħna!

Mill-Vanġelu skont San Luqa (2, 15-19)
Meta mbagħad l-anġli ħallewhom u telgħu s-sema, ir-rgħajja bdew jgħidu lil xulxin: "Ejjew immorru Betlehem ħa naraw x'ġara kif għarrafna l-Mulej." Marru mela jgħaġġlu, u sabu lil Marija u 'l Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura. Kif raw dan, bdew jgħarrfu b'kull ma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija, u kull min semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-rgħajja. Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha.

Il-Kelma tal-Mulej.
Tifħir lilek, Kristu.

Mill-innu antik "Akathistos" f'ġieħ Omm Alla:
Ferħu r-rgħajja bl-għanjiet
Li kantaw b'leħinhom ħelu,
L-anġli mbierka fit-twelid ta' Kristu.
Malli raw ir-Ragħaj tagħhom
Bħal ħaruf għadu jitwieled,
Innoċenti, b'ħalib ommu jżommu ħaj,
Lilha faħħru għalenija:

Ifraħ, omm tal-Ħaruf u Ragħaj,

Ifraħ, maqjel tal-merħla fidila,
Ifraħ, ħarriesa mill-bhejjem qalila;
Ifraħ, int li tiftaħ tas-sema l-bibien.

Ifraħ, int il-leħen dejjem jidwi tal-appostli;
Ifraħ, int il-qlubija tal-martri qatt mirbuħa.
Ifraħ, sur qawwi tal-fidi;
Ifraħ, stendard jiddi tal-grazzja.
Ifraħ, Verġni u Għarusa.

Mill-kitbiet ta' San Massimiljanu Marija Kolbe.
Għeżież uliedi fl-Immakulata, nawguralkom li tixorbu minnha stess il-ħalib tal-grazzji tagħha, li tkunu mħaddna minnha, u li tkunu ffurmati bl-istess mod kif hi ffurmat lil Ġesù, ħuna l-kbir.

Kollok sabiħa int Marija u t-tebgħa tad-dnub tan-nisel ma tinsabx fik. Inti l-glorja ta' Ġerusalemm. Inti l-ferħ ta' Iżrael. Inti l-ġieħ tal-poplu tagħna. Inti avukata tal-midinbin. O Marija! Verġni kollok għaqal, Omm kollok ħniena. Idħol għalina quddiem Sidna Ġesù Kristu.

Nitolbu.
O Alla, int li bgħatt mis-sema fil-ġuf tal-Verġni Mqaddsa lil Ibnek, il-Kelma u l-Ħobż tal-ħajja; agħmel li, fuq l-eżempju ta' Marija, nilqgħu l-Kelma tiegħek li saret bniedem, billi nisimgħu b'attenzjoni dejjem aktar profonda l-Iskrittura Mqaddsa u nieħdu sehem b'mod dejjem aktar ħaj fil-misteri tas-salvazzjoni. Bi Kristu Sidna. **Ammen.**

IL-ĦAMES JUM – 3 TA' DIĊEMBRU
L-Immakulata, fl-Epifanija tal-Mulej

Kollok kemm int sabiħa o Marija u tebgħa fik ma hemmx! **Int il-glorja ta' Ġerusalemm, int il-ferħ ta' Iżrael, int il-ġieħ tal-poplu tagħna!**

Mill-Vanġelu skont San Mattew (2, 15-19)
Ara, il-kewkba li kienu raw tielgħa bdiet miexja quddiemhom sakemm waslet u waqfet fuq il-post fejn kien hemm it-tifel. Kif raw il-kewkba mtlew b'ferħ kbir tassew. Meta mbagħad daħlu d-dar u raw lit-tifel ma' ommu Marija, nxteħtu fl-art iqimuh; fetħu t-teżori tagħhom u offrewlu rigali deheb, inċens u mirra. Imbagħad, billi kienu mwissijin f'ħolma biex ma jerġgħux imorru għand Erodi, telqu lura lejn arthom minn triq oħra.

Il-Kelma tal-Mulej.
Tifħir lilek, Kristu.

Mill-innu antik "Akathistos" f'ġieħ Omm Alla:
Stagħġbu l-Maġi bil-Bambin,
Tfajjel żgħir, fuq dirgħajn Ommu,
Dak li ħalaq il-bniedem.
Taħt is-sura ta' qaddej
Għarfu s-Sid tal-ħolqien kollu;
U bil-ħerqa, taw rigali lill-Mulej,
Waqt li hienja, lill-Omm għannewlha:

Ifraħ, ja omm il-Kewkba ta' dejjem.
Ifraħ, żerniq ta' jum mistiku.
Ifraħ, int li ġġib fix-xejn bejtiet il-qerq.

Ifraħ, int b'dawlek twassalna għand Alla.

Ifraħ, int li teqred lil allat foloz.
Ifraħ, int li titfi tal-vizzji n-nirien.
Ifraħ, int li tmexxi fil-għerf lill-Insara.
Ifraħ, int hena tal-ġnus kollha.
Ifraħ, Verġni u Għarusa.

Mill-kitbiet ta' San Massimiljanu Marija Kolbe.
Ejjew nagħmlu ħilitna biex kuljum inkunu dejjem aktar qrib tal-Immakulata. B'hekk, nersqu dejjem aktar qrib tal-Qalb ta' Ġesù u tat-Trinità Qaddisa, għaliex ebda ħlejqa oħra mhi hekk qrib tad-Divinità daqs l-Immakulata.

Sliem għalik, Sultana, omm tal-ħniena; ħajja, ħlewwa u tama tagħna, sliem għalik. Lilek ingħajtu, għaliex aħna tturufnati, ulied Eva. Lilek nitniehdu, aħna li nibku u nolfqu f'dan il-wied ta' dmugħ. Ejja, mela, avukata tagħna, dawwar lejna dawk il-għajnejn tiegħek tal-ħniena; u wrina, wara dan it-turufnament, lil Ġesù, frott imbierek tal-ġuf tiegħek. O Ħanina, o pija, o ħelwa Verġni Marija.

Nitolbu.
O Alla, int urejt lid-dinja, f'dirgħajn il-Verġni Immakulata Marija, lil Ibnek, il-glorja ta' Iżrael u d-dawl tal-ġnus; agħmel li, fl-iskola ta' Marija, insaħħu l-fidi tagħna fi Kristu u nagħrfu fih l-uniku medjatur u Salvatur tal-bnedmin kollha. Hu li hu Alla u jgħix u jsaltan miegħek, għal dejjem ta' dejjem. **Ammen.**

IS-SITT JUM – 4 TA' DIĊEMBRU
L-Immakulata fil-Preżentazzjoni ta' Ġesù

Kollok kemm int sabiħa o Marija u tebgħa fik ma hemmx! **Int il-glorja ta' Ġerusalemm, int il-ferħ ta' Iżrael, int il-ġieħ tal-poplu tagħna!**

Mill-Vanġelu skont San Luqa (2, 27-35)
Mar Xmun fit-tempju, mqanqal mill-Ispirtu, u xħin il-ġenituri daħlu bit-tarbija Ġesù biex jagħmlulu dak li kienet trid il-Liġi, huwa laqgħu fuq dirgħajh, bierek lil Alla u qal:

"Issa, o Sid, tista' tħalli l-qaddej tiegħek imur fis-sliem, skond kelmtek, għaliex għajnejja raw is-salvazzjoni tiegħek li int ħejjejt għall-popli kollha, dawl biex idawwal il-ġnus, u glorja tal-poplu tiegħek Iżrael."

Missieru u ommu baqgħu mistagħġba b'dak li kien qiegħed jingħad fuqu. Xmun berikhom, u qal lil ommu Marija: "Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Iżrael; se jkun sinjal li jmeruh, - u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek! - biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna."

Il-Kelma tal-Mulej.
Tifħir lilek, Kristu.

Mill-innu antik "Akathistos" f'ġieħ Omm Alla:
Kienet qorbot lejn it-tmiem
Tal-profeta Xmuni l-ħajja;
Ruħ il-Qodos ħa b'għalliem.

Hekk kif refgħek fuq dirgħajh
Għad li rak tarbija żgħira,
Sid il-ħolqien u Alla stqarrek.

Ifraħ, inti talba għall-mogħdrija.
Ifraħ, inti maħfra għall-ħatjin kollha.
Ifraħ, libsa għal min kien imneżża' mill-grazzja.
Ifraħ, inti mħabba li tiżboq kull xewqa.
Ifraħ, Verġni u Għarusa.

Mill-kitbiet ta' San Massimiljanu Marija Kolbe.
Ma jrid ikollna l-ebda biża' li nħobbu ħafna lill-Immakulata għaliex m'aħniex ser inħobbuha bil-mod ta' kif ħabbha Ġesù, imma l-qdusija tagħna tikkonsisti f'li nimitaw lil Ġesù.

Sliem għalik, Marija, bil-grazzja mimlija; il-Mulej miegħek. Imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek, Ġesù. Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Nitolbu.
O Missier, jalla l-Knisja verġni, Għarusa ta' Kristu, tiddi dejjem bil-fedeltà bla mittiefsa lejn il-patt ta' mħabbtek. Fuq l-eżempju tal-Verġni Immakulata Marija, il-qaddejja umli tiegħek, li ppreżentat fit-Tempju lill-Awtur tal-Liġi l-Ġdida, jalla tħares il-purezza tal-fidi, tkabbar il-ħeġġa tal-imħabba u tqajjem mill-ġdid it-tama fil-ġid li ġej. Bi Kristu Sidna. **Ammen.**

IS-SEBA' JUM – 5 TA' DIĊEMBRU
L-Immakulata fit-tieġ ta' Kana

Kollok kemm int sabiħa o Marija u tebgħa fik ma hemmx!
Int il-glorja ta' Ġerusalemm, int il-ferħ ta' Iżrael, int il-ġieħ tal-poplu tagħna!

Mill-Vanġelu skont San Ġwann (2, 3-10)
Omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid." U Ġesù qalilha: "X'hemm bejni u bejnek, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu." Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, mqiegħda hemm għar-rit tal-purifikazzjoni tal-Lhud, kull waħda minnhom tasa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma." U dawk imlewhom sax-xifer. Imbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newwluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda." U huma marru jagħtuhulu. Hu daq l-ilma mibdul fi nbid; u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa."

Il-Kelma tal-Mulej.
Tifħir lilek, Kristu.

Mill-innu antik "Akathistos" f'ġieħ Omm Alla:
Int ħarsien żgur tal-verġni,
Verġni u Omm, u ta' dawk kollha
Li jsejħulek bħala wlied.
Għax hekk għamlek is-Sultan

Tas-sema u tal-art,
Immakulata,
Meta ġie fil-ġuf tiegħek
U stedinna biex ngħannulek:

Ifraħ, kolonna ta' safa qaddis.
Ifraħ, bieb il-ħelsien ta' dejjem.
Ifraħ, bidu ta' ġens ġdid.
Ifraħ, int tqassmilna tal-Mulej il-ġid.

Ifraħ, raddejt il-ħajja li dawk li twieldu fil-għajb,
Ifraħ, int tajt l-għaqal lil min kien nieqes minnu.
Ifraħ, int xejjint lill-Ingannatur qalil,
Ifraħ, inti tajtna l-awtur tas-safjin.
Ifraħ, Verġni u Għarusa.

Mill-kitbiet ta' San Massimiljanu Marija Kolbe.
L-Immakulata għandha l-pjanijiet u l-intenzjonijiet tagħha. Lilna ma jonqosna xejn ħlief li nħalluha tmexxina b'mod dejjem aktar perfett, fejn, meta u kif jogħġob lilha, u mhux lilna.

Ja Omm imbierka u Verġni bla mittiefsa; o Sultana glorjuża tad-dinja, idħol għalina quddiem il-Mulej.

Nitolbu.
O Missier, agħmel li, magħqudin ma' Marija, ningħaqdu bil-fidi ma' Kristu, u aħna u ngħinu fil-ħtiġijiet tal-Knisja u ta' ħutna, inħejju, fl-għaqda u l-armonija, il-miġja tas-Saltna tiegħek. Bi Kristu Sidna. **Ammen.**

IT-TMIEN JUM – 6 TA' DIĊEMBRU
L-Immakulata, Omm u Dixxiplu tal-Mulej

Kollok kemm int sabiħa o Marija u tebgħa fik ma hemmx! **Int il-glorja ta' Ġerusalemm, int il-ferħ ta' Iżrael, int il-ġieħ tal-poplu tagħna!**

Mill-Vanġelu skont San Mattew (12, 46-50)
Xi ħadd qallu: "Ara, ommok u ħutek qegħdin barra jfittxu li jkellmuk." Iżda hu wieġeb lil dak li kellmu, u qallu: "Min hi ommi? U min huma ħuti?" Imbagħad medd idu lejn id-dixxipli tiegħu u qal: "Dawn, araw, huma ommi u ħuti. Għax kull min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet, dak huwa ħija, u oħti, u ommi."

Il-Kelma tal-Mulej.
Tifħir lilek, Kristu.

Mill-innu antik "Akathistos" f'ġieħ Omm Alla:
Bħal torċa tħeġġeġ nirien,
Hekk il-Verġni Mqaddsa dehret
Lil min kien fid-dlam tat-telfien.
Dawl mis-sema rat kull ruħ
Li jmexxiha sa ħdejn Alla.
Għerf infinit! Bid-dija tagħha
Ġew imdawlin l-imħuħ
U nħallew l-ilsna biex jgħannu:

Ifraħ, raġġ tax-xemx Divina.
Ifraħ, dawl jiddi bla qatt ma jintemm.
Ifraħ, int berqa li ddawwal l-imħuħ.

Ifraħ, int raġħda li tbeżża' lill-għedewwa.

Ifraħ, int bħal menqa li fiha nindafu.
Ifraħ, int tneħħi t-tebgħat ta' dnubietna.
Ifraħ, għajn li ssaffi l-erwieħ.
Ifraħ, kalċi mfawwar b'inbid il-ferħ.
Ifraħ, Verġni u Għarusa.

Mill-kitbiet ta' San Massimiljanu Marija Kolbe
Ejjew inħobbu lill-Immakulata kuljum, dejjem aktar. Ma hemm u ma jista' jkun hemm ebda limitu dwar dan, filwaqt li Hi tkompli tnaddaf dejjem aktar lil qlubna minna nfusna u tibdilna fiha nfisha.

Ħwejjeġ sbieħ ingħadu fuqek, o Verġni Marija! Il-Mulej għamel miegħek ħwejjeġ kbar, o glorjuża Omm Alla!

Nitolbu.
O Alla, agħmel li fl-iskola tal-Verġni Immakulata Marija nsiru dixxipli veri ta' Kristu, dejjem attenti għall-kelma tiegħu u fidili għall-kmandamenti tiegħu. Hu jgħix u jsaltan miegħek u mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem. **Ammen.**

ID-DISA' JUM – 7 TA' DIĊEMBRU
L-Immakulata, taħt is-salib ta' Binha

Kollok kemm int sabiħa o Marija u tebgħa fik ma hemmx!
Int il-glorja ta' Ġerusalemm, int il-ferħ ta' Iżrael, int il-ġieħ tal-poplu tagħna!

Mill-Vanġelu skont San Ġwann (19, 25-27)
Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala. Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hawn hu ibnek." Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hawn hi ommok." U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

Il-Kelma tal-Mulej.
Tifħir lilek, Kristu.

Mill-innu antik "Akathistos" f'ġieħ Omm Alla:
Kif ħarrab iż-żerniq dlam il-lejl
U dab il-qerq meta tal-Eġittu qbadt it-triq!
L-allat foloz imġarrbin minn setgħetek, ja Mulejja,
Fl-art iġġarrfu.
Minn dnubiethom meħlusin,
Il-ġnus sellmu lil Omm Alla:

Ifraħ, qawmien ta' ġens il-bnedmin.
Ifraħ, telfien tas-saltna infernali.
Ifraħ, inti tisħaq l-ingann u l-gideb.
Infraħ, int tifxef il-qerq tal-idoli.

Ifraħ, int il-baħar li bela' l-fargħun.

Ifraħ, int il-blata li ssawwab l-ilma tal-ħajja.
Ifraħ, kolonna tan-nar li turi fid-dlam.
Ifraħ, int li tajtna l-manna mis-sema.
Ifraħ, Verġni u Għarusa.

Mill-kitbiet ta' San Massimiljanu Marija Kolbe
Meta niltaqgħu ma' xi diffikultà li ma nkunux kapaċi negħlbu, jew meta xi tentazzjoni tibda titturmentana b'insistenza, ejjew ma naqtgħux qalbna, iżda dejjem induru lejha, lejn l-Immakulata, b'fiduċja sħiħa, bħalma l-ulied iduru lejn ommhom. Hi timliena bid-dawl u bil-qawwa meħtieġa, tgħannaqna ma' qalbha u ttaffi l-akbar imrar tagħna.

Sultana tas-sema, ifraħ, hallelujah,
għax dak li stħaqqlek tkun ommu, hallelujah,
qam minn bejn l-imwiet, kif kien qal, hallelujah
itlob 'l Alla għalina, hallelujah.

Nitolbu.
O Missier, bl-interċessjoni ta' Marija Immakulata, li b'ġenerożità kbira ssieħbet fil-Passjoni ta' Kristu, sawwab fuq il-ġnus kollha l-kotra tal-grazzji tal-Ispirtu s-Santu li jaħdem fil-Knisja, u li Ġesù, il-Qassis il-Kbir, kiseb għalina bis-sagrifiċċju tiegħu fuq is-Salib. Hu li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. **Ammen.**



Dan il-librett hu proprjetà tas-Santwarju tal-Fontana.
© 2026
Nitolbuk biex, wara li tużah, tħallih fil-bank.